# Mill-Istorja tal-Gudja fis-Seklu 15

***Kitba ta' Dr. Joseph F. Grima** Ph. D, BA(Hons), Dip. Educ, MIM*

Jekk immorru lura madwar 600 sena, jiġifieri fis-seklu 15, insibu li l-Gudja kienet tagħmel parti mill-parroċċa mifruxa ta' Bir Miftuħ li kienet diġa' teżisti fl-1536. Hu magħruf li l-kappillan f'dik is-sena kien il-Kanonku Blasius li kellu dħul finanzjarju ta' 15-il uqija,[1] iżda ma nafux id-data preċiża meta twaqqfet. Anzi l-istess kumment ngħiduh għall-parroċċi l-oħrajn kollha Maltin u għawdxin li kienu jeżistu dak iż-żmien.

## Popolazzjoni

Forsi l-eqdem stima tal-popolazzjoni tal-Gudja proprja neħduha mil-lista tal-milizzja tal-1419-20 meta nsibu li kien hemm 38 Gudjan[2] marbutin li jagħtu sehemhom għall-ħarsien ta' Malta. Minn din il-figura, wieħed jista' jkollu idea ta' kemm kienet kbira jew żgħira l-popolazzjoni tar-raħal billi jimmoltiplikahom b'ħamsa. B'hekk nafu li n-numru ta' Gudjani f'dawn is-snin kien, bejn wieħed u ieħor, ta' 190 ruħ. Ma kienx xi numru fenomentali iżda lanqas ma kien iżżejjed għal dak iż-żmien. Hu indikazzjoni ta' raħal żgħir pjuttost stabbilit. Ta' min isemmi wkoll li, mill-50 post imsemmijin f'din il-lista, il-Gudja kien wieħed minn disgħa li m'għadhomx il-prefiss *Ħal*.

Ħarsa lejn l-ismijiet fil-lista, li naturalment kienu biss irġiel ta' bejn is-16 u l-64 sena, tagħtina dawn il-kunjomijiet u ismijiet:[3]

**Kunjomijiet:** Vella (10), Pachi (4), Buturra (3), Cassar (3), Barbara (2), Hili (2), Saccu (2), Mullica (2), Spiteri/Spitali (2), flimkien ma' Bonavia, Cuzin, Bunichi, Hellul, Ricupru, Heris, Galata, u Canzuhuk (darba kull kunjom). Xi kunjomijiet illum nispelluhom daqsxejn differenti bħal Pace (Pachi), Sacco (Saccu), Ellul (Hellul) u Bonnici (Bunichi). Oħrajn bħal Buturra, Mullica, Cuzin, Ricupru, Heris, Galata u Canzahuk m'għadhomx jeżistu. Wieħed ma jistax ma jinnotax il-predominanza assoluta tal-kunjom Vella.[4]

**Ismijiet:** Antoni (3), Thumeu – Tumas (3), Pinu (3), Paulu (2), Peri (2), Guillielmu (2), Marius/Mario (2), Franchinu/Franciscu – Franġisku (2), u darba kull wieħed dawn l-ismijiet – Orlandu, Nardu, Mainettu, Manfrè (x'aktarx Manfredi), Cataudi (Katald), Janinu (Ġwanni), Randinu, Jakinu (Ġakkinu), Jumaria (Ġwanni Maria), Pericuni, Masi (Massu), Dominicu (Duminku), Culaita, Bringeli, Jacobinu (Ġakbu), Jorge (Ġorġ), Dimitriu (Dimitri), u Fabianu. Uħud minn dawn l-ismijiet m'għadhomx jeżistu.

Jekk nersqu aktar qrib tmiem is-seklu 15, eżattament fis-sena 1483, insibu lista ta' rġiel li kellhom jaħdmu b'xejn għall-ġid tal-pajjiż, xogħol li kien meqjus bħala żejjed u li minnu kulħadd kien jara kif jista' jaħrab. Insibu 51 raġel mill-Gudja (flimkien ma' x'uħud minn Ħal Luqa)[5] imniżżlin f'din il-lista ta' l-hekk imsejħa *angara* u b'hekk nikkalkulaw li l-popolazzjoni żdiedet xi ftit jew għall-inqas ma naqsitx. Naraw ukoll il-kunjomijiet eżistenti fil-Gudja fl-1483:[6] Axisa (1), Azzopardi (2), Baldacchino (1), Bellia (2), Bondin (1), Bonanno (2), Bonnici (2), Bugeja (1), Calleja (1), Casha (1), Consigio (1), Deyf –illum Magro/i (1), Ellul (3), Farrugia (2), Fiteni (2), Grima (1), Hakem (1), Heller (1), Mallia (8), Maxruc jew Maxnic (1), percopu – illum Chircip/Kirkop (5), Psaila (2), Sacco (2), Saliba (1), Vella (5), u Zammit (3). Ħarsa ħafifa lejn il-lista tal-1419 malajr tindika ż-żjieda ta' xi kunjomijiet ġodda fil-lokal filwaqt li oħrajn ma baqgħux jeżistu.

Semmejna l-lista tal-milizzja, jew id-Dejma kif kienet magħrufa. Tajjeb issa naraw in-naħat Maltin fejn kienu jgħassu l-Gudjani li nisiltuh minn roster li nħareġ fis-sena 1417. Minnu nafu li kienet issir l-għassa max-xtut f'24 lokalità[7] u dawn kienu jaqblu perfettament mal-lista li ngħatat fl-1647 mill-ewwel storiku Malti, Gian Frangisk Abela.[8] Bħala regola u fejn kien possibbli, l-għases ta' kull posta kienu jkunu assenjati mill-eqreb raħal u, għaldaqstant, insibu li l-Gudjani kienu jaqdu dmirijiethom f'dawn il-postijiet: 8 f'*Għadir* jiġifieri l-Bajja ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa; u 4 oħrajn f'*Nadur Kelba* jiġifieri f'Bengħisa. Ma kinux weħidhom f'dawn il-postijiet iżda kellhom magħhom irġiel minn Ħal Kirkop, Ħal Għaxaq, Biżbud u ż-Żurrieq. Kull posta kellha 21 raġel assenjat fiha biex ikopru ġimgħa sħiħa, jiġifieri kull lejl kien imisshom l-għassa 3 irġiel li b'hekk kienu jkunu fis-servizz darba fil-ġimgħa. Irġiel oħrajn mill-irħula kollha kienu jkunu wkoll assejnati fl-Imdina.[9]




*Mappa antika ta' Malta li saret fl-1565 minn G.F. Camocio. Il-Gudja tidher immarkata b'ċirku.*

## Sehem fil-Gvern

Sas-seklu 15, il-gvern lokali ta' Malta kien żviluppa f'kunsill muniċipali magħruf bħala l-Kunsill Popolari bil-Ħakem, erba' Ġurati u xi uffiċjali oħrajn biex imexxu x-xogħol amministrattiv. Iżda kultant kienu jlaqqgħu *parlamentu ġenerali* biex tittieħed xi deċiżjoni partikolari u allura kienu jattendu r-rappreżentanti ta' l-irħula, jew aħjar tal-parroċċi. Dawn il-laqgħat kienu jsiru fil-Katidral ta' l-Imdina jew fil-misraħ ta' ma' ġenbu.[10] Inżidu li l-Katidral ta' dak iż-żmien m'huwiex l-istess wieħed li naraw illum fl-Imdina, għalkemm kien mibni fuq l-istess sit. Lanqas ma kien hemm pjazza quddiemu għax dik li naraw illum saret fis-seklu 18. Iżda kien hemm misraħ fil-ġenb tiegħu. Il-parroċċa ta' Bir Miftuħ, li l-Gudja kienet parti minnha, ukoll kienet tibgħat ir-rappreżentanti tagħha bħalma jidher minn dawn iż-żewġ laqgħat ġenerali li saru fis-snin sebgħin.

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Ottubru 1472, sar *parlamentu ġenerali* biex jiddeċiedi jekk it-tiswijiet tas-swar ta' l-Imdina jsirux b'xogħol ta' bil-fors u bla ħlas jonkella ssirx taxxa ad valorem ta' 2% fuq kull merkanzija u laħam biex jitħallsu l-ħaddiema. Għal xi raġuni jew oħra, fost il-35 li attendew, mill-irħula kien hemm biss in-Naxxarin u l-Karkariżi[11] u allura ssejħet laqgħa oħra għall-Ħadd, 8 ta' Novembru. Din id-darba attendew 52 delegat inklużi r-

rappreżentanti ta' Bir Miftuħ li kienu Ġwanni Caruana u Randu Caruana. Ma jidhirx li l-laqgħa waslet f'konklużoni.[12]

Laqgħa ġenerali oħra, tal-Ħadd 17 ta' April 1474, iddiskutiet taxxa rjali u kif se jinġabru l-flus biex titħallas kwantità ta' xgħir li kienet naqset minn fuq ix-xini ta' Nikola Jonecta. L-irħula kellhom rappreżentant għal kull lokalità u, fost l-34 raġel li attendew, kien hemm Lawrenz Bixinga f'isem Bir Miftuħ.[13] Ninnutaw li dawn il-laqgħat ġenerali kienu jsiru fil-Ħdud u mhux fost il-ġimgħa. Din hi ħaġa li wieħed jistennieha għax il-jiem l-oħrajn dak iż-żmien kienu kollha ġranet tax-xogħol u wkoll minħabba u wkoll minħabba d-diffikulta ta trasport f'dawk iż-żminijiet.

Hawnhekk, tajjeb nagħlqu b'laqgħa oħra tal-Kunsill Muiċipali li saret fl-1450, għalkemm f'data mhix speċifikata, li fiha nsibu lista ta' Maltin li minn jeddhom silfu l-flus lill-gvern biex jinxtara l-qamħ. Fosthom hemm dawn l-irġiel minn Bir Miftuħ bis-somma li silfu: Salvu Xentil, Paulu Aczupard, Ġirardu Cassar, Nardu Aczupard, Lemu Grima, Johanni Mallia, Bartholomeu Butigeg, Lemu Bonichi, Johanni Percop, Petruzu Caruana, Randinu Caruana, Culayta Caruana, Antoni Bonichi u Agustinu Baldakyn – ilkoll taw 15-il tarì kull wieħed; Bundu Aczupard, Orlandu Maniuni u Johanni Saccu – ilkoll taw uqija kull wieħed.[14] Randinu Caruana kien irrapreżenta lil Bir Miftuħ fl-1474 bħalma diġà rajna. B'kollox is-self ammonta għal 10 uqijiet,[15] somma sabiħa għal dak iż-żmien. Din hi indikazzjoni li fil-parroċċa mifruxa ta' Bir Mifruħ kien hemm numru ta' nies f'sitwazzjoni ekonomika florida,[16] u ma nistgħux neskludu li wħud minnhom kienu mill-Gudja stess.

1 Manuskritt tal-Librerija Nazzjonali ta' Malta (LNM0, vol. 721, item 2, mhux impaġnat:*Donnus Blasisus pro Cappella Bir Miftuħ cum terris suis unciae xv*. Dan kien ekwivalenti għal 30 skud, somma sabiħa ħafna għal dak iż-żmien.

2 G. Wettinger, 'The Militia List of 1419-20, A New Starting Point for the Study of Malta' s Population', *Melita Historica*, Vol. V Nru. (1968), 82 u 96.

3 *Ibid.*, 96.

4 Għal studju dwar l-oriġini tal-kunjomijiet Maltin ara G. Wettinger, 'The Origin of Maltese Surnames', *Melita Historica*, Vol. XII Nru. 4 (1999)m 333-344.

5 G. Wettinger, 'The Lost Villages and Hamlets of Malta', *Medieval Malta – Studies of Malta before the Knights*, ed. A.T. Luttrell, Londra 1975, 186.

6 G. Wettinger, 'The Distribution of Surnames in Malta in 1419 and the 1480s', *Journal of Maltese Studies*, Nru. 5 (1968), 30-48, *passim*.

7 G. Wettinger, 'The Militia Roster of Watch Duties of 1417', *The Armed Forces of Malta Journal*, Nru. 32, Ottubru 1979, 28.

8 G.F. Abela, *Della Descrittione di Malta*, Malta 1947, 60.

9 G. Wettinger (1979), 26, 27 u 29.

10 S. Fiorini, 'malta in 1530', *Hospitaller Malta 1530-1798*, ed. V. Mallia-Milanes, Malta 1993, 131-2.

11 G. Wettinger, *Acta Juratorum et Consilii Civitatis et Insulae Maltae*, Palermo 1993, 459-60, dokument 463; E.R. Leopardi, 'Bandi of the XV Century', *Melita Historica*, Vol. II Nru. 4 (1959), 254, dokument 16.

12 G. Wettinger (1993), 461-3. dokument 466; E.R. Leopardi (1959), 254, dokument 17.

13 G. Wettinger (1993), 556-7, dokument 564.

14 Ibid, 70, dokument 25. L-ismijiet u l-kunjomijiet hawnhekk qegħdin kif insibuhom fid-dokument oriġinali. X'uħud daż-żmien inbidlu u jinqraw hekk: Aczupard – Azzopardi; Butigeg – Buttigieg; Bonichi – Bonnici; Percop – Chircop/Kirkop; Baldakyn – Baldacchino; Maniuni – Mangion; Saccu – Sacco. Il-kunjom Xentil m'għadux jeżisti. L-ismijiet jidhru ċari x'hinuma ħlief għal Culayta, li m'għadniex insibuh, u Lemu li jfisser Gullielmu (*William* bl-Ingliż).

15 12-il tarì = skud; 2 ½ skudi = uqija.

16 Biex nagħtu xi eżempju oħrajn mill-istess xaqliba ta' Malta, naraw li s-self miż-Żurrieq kien ta' 11-il uqija, iż-Żejtun 3 uqijiet. Ara G. Wettinger (1993), 68-70, dokument 25.